

Dispożittiv

Il-punt 1 tal-Klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġislazzjoni nazzjonali li permezz tagħha d-dritt li tingħata eżenzjoni mis-servizzi ta' gwardja huwa mogħti lill-ħaddiema għal żmien indeterminat, bl-esklużjoni tal-ħaddiema għal żmien determinat.

(¹) Data tal-preżentata: 8.4.2021.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Jannar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landgericht Düsseldorf – il-Ġermanja) – SN et vs Eurowings GmbH

(Kawża C-740/21) (¹)

(Trasport bl-ajru – Kumpens tal-passiġġieri tal-ajru fil-każ ta' imbark miċċud – Passiġġieri li waslu l-ajruport fil-ħin – Titjira mitlufa minħabba ħin ta' check-in inabitwalment twil – Nuqqasijiet ta' organizzazzjoni jew tfixkil fl-ajruport)

(2022/C 119/20)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: SN, DR, GI, irrappreżentat legalment minn SN u DR

Konvenut: Eurowings GmbH

Dispożittiv

Il-Kawża C-740/21 għandha titħassar mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja.

(¹) Data tal-preżentata: 1.12.2021.

Appell ippreżentat fil-15 ta' Marzu 2021 minn Sergio Spadafora mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fl-10 ta' Frar 2021 fil-Kawża T-130/19, Spadafora vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-169/21 P)

(2022/C 119/21)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellant: Sergio Spadafora (rappreżentant: G. Belotti, avvocato)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, CC

B'digriet tal-25 ta' Jannar 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) iddikjarat li l-appell huwa miċċud inkwantu parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat, u kkundannat lil Sergio Spadafora jbati l-ispejjeż tiegħu stess.